MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2134/2003

**Enigma Productions
Vs**

**Carmel sive Charles Azzopardi**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal pagament ta' sitt (6) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li l-konvenut debitament ingunt baqa ma ipprezentax risposta.

Wara li ra n-nota prezentata fit-8 ta' Jannar 2004 fejn gew esibiti l-kambjali relattivi.

Sema' lil Jason Caruana, Direttur tas-socjeta' attrici, jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu ma thallasx.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u seba' u sittin lira Maltin (Lm567) bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------